# QORTI ĊIVILI – PRIM’AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru. 889/20 MH**

**Illum, 15 ta’ Frar, 2023**

**Avukat Joseph Camilleri bħala mandatarju speċjali ta’ Central Bank of Libya**

**vs**

**Direttur Ġenerali (Dwana) u Bord ta’ Sorveljanza fuq Sanzjonijiet**

**Il-Qorti.**

Rat **ir-rikors ġuramentat tal-Avukat Joseph Camilleri noe tat-2 t’Ottubru 2020** permezz ta’ liema ġie premess u mitlub –

> ***Ir-rikorrent jesponi bir-rispett u bil-ġurament tiegħu jikkonferma is-segwenti fatti illi huwa ġie mgħarraf bihom mill-prinċipali tagħhom:***
>
> 1. *Illi permezz tas-*Seizure Note No. 99/2020 *datat 30 ta’ Ġunju 2020 (hawn anness u mmarkat bħala Dok A), maħruġ mid-*Dipartment *tad-*

*Dwana il-merkanzija li kienet trasportata taħt il-Bill of Lading No. SGU0175007 (hawn anness u mmarkat bħala Dok B), datat 24 t'Awwissu, 2019 fil-containers No. TCNU1642280 u TLLU4536976 ġiet miżmuma mill-istess Dipartiment.*

2. *Illi din il-merkanzija hija proprjeta tar-rikorrenti Central Bank of Libya ibbażat ġewwa Al-Bayda, Libya. Ta' min wieħed jgħid illi għalkemm l-imsemmija Seizure Note hija datata 30 ta' Ġunju, 2020, kien biss nhar is-7 t'Awwissu, 2020 illi d-Dipartiment tad-Dwana wettaq formalment in-notifika ta' kopja ffirmata tal-istess seizure note (u dan permezz t'email mibgħuta lill-konsulenti legali tax-shipper)*

3. *Illi dan ir-rikors qiegħed isir ai termini ta' Artikolu 72 tal-Kap 37 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll ai termini tal-Artikolu 18 tal-Kap 356 tal-Liġjiet ta' Malta. L-imsemmi Siezure Note qiegħed għalhekk jiġi ikkontestat u r-rikorrent ser jitlob ir-rilaxx tal-istess merkanzija miżmuma mill-intimat Direttur Ġenerali (Dwana).*

4. *Illi l-merkanzija għandha tiġi rilaxxata u dan minħabba li ma teżisti l-ebda bażi legali għaż-żamma kontinwa tagħhom mid-Dipartiment tad-Dwana. Jingħad ukoll li din il-konfiska tal-merkanzija tikkostitwixxi ksur tal-Union Customs Code ("UCC").*

5. *Illi jingħad li merkanzija ntbagħtet minn St. Petersburg, ir-Russja bħala port tat-tagħbija u l-belt ta' Benghazi fil-Libja bħala port tad-destinazzjoni ta' l-istess, taħt il-Bill of Lading Nru SGU0175007 datat 24 ta' Awwissu 2019 bis-soċjeta` CMA CGM S.A., (ta' Marseille, France) ("CMA") bħala trasportatriċi, il-Joint Stock Company Goznak*

*(Goznak) bħala l-mittenti (in-nota ta' qbid hija, fil-fatt, indirizzata lill-Goznak bħala l-mittenti) u l-Central Bank of Libya ta' Al-Bayda bħala destinatarju u parti notifikata. It-trasportatur waqaf f'Malta sabiex il-containers jitgħabbew fuq bastiment differenti biex imbagħad jitkompla l-vjaġġ lejn il-port ta' Benghazi.*

6. *Illi jingħad l-merkanzija ġiet mgħobbija fiż-żewġ containers liema containers kien fihom total ta' disgħa u għoxrin miljun (29,000,000) bankonoti Libyan Dinar security form notes li nbiegħu minn Goznak lill-Central Bank of Libya f'Al-Bayda ai termini tal-kuntratt iffirmat bejn Goznak u l-mittenti f'April 2018 (kopja ta' estratt tal-kuntratt hawn annessa u mmarkata bhala Dok C). Fin-nota ta' qbid il-merkanzija hija deskritta bħala '290 cases found to contain Currency notes in Libyan Dinars – ex Cont NO. TLLU4536976' and '290 cases found to contain Currency notes in Libyan Dinars – ex Cont NO. TCNU1642280'.*

7. *Illi jingħad li l-Bank Ċentrali tal-Libja għandu żewġ fergħat leġittimi, li huma l-Western Central Bank of Libya ("WCBL") ibbażat fi Tripli u l-Eastern Central Bank of Libya ("ECBL") ibbażat f'Al-Bayda. L-ECBL huwa x-xerrej tal-merkanzija u għalhekk ukoll id-destinatarju u l-parti notifikata fil-Bill of Lading għall-ġarr tal-merkanzija. Barra minn hekk, l-merkanzija ġiet approvata għaċ-ċirkolazzjoni mill-Presidency Council of the Government of National Accord ("GNA") ibbażata Tripli u dan fis-26 ta' Mejju 2016 (dokument hawn anness u mmarkat bħala Dok D).*

8. *Illi d-Dipartiment tad-Dwana nnotifikat lil CMA permezz ta' ittra datata 25 ta' Settembru 2019 li kampjun ta' 2x50 noti ta' Libyan Dinar se jittieħdu mill-merkanzija fil-container TLLU4536976 (hawn anness*

*u mmarkat bħala Dok E). Goznak talbet permezz tal-ittra datata 25 ta' Settembru 2019 (hawn anness u mmarkat bħala Dok F) sabiex minnufih tingħata informazzjoni addizzjonali fir-rigward tal-ispezzjoni u d-Dipartiment tad-Dwana ipprovda deskrizzjoni speċifika tal-proċess ta' spezzjoni fl-ittra datata 26 ta' Settembru 2019 (hawn anness u mmarkat bħala Dok G). Sussegwentement, Goznak staqsiet lid-Dipartiment tad-Dwana (ittra datata 30 ta' Settembru 2019 - hawn anness u mmarkat bħala Dok H), meta l-ispezzjoni u l-proċedura tkun tista' tiġi konkluża u l-vjaġġ tal-merkanzija titkompla lejn Bengazi. Id-Dipartiment tad-Dwana ma tatx dettalji ħlief li qalet li stess Dipartiment tad-Dwana tista' tirrilaxxa l-merkanzija biss ġjaladarba ikollha l-approvazzjoni mill-awtorità kompetenti (ittra datata 1 ta' Ottubru 2019 - hawn anness u mmarkat bħala Dok I).*

9. *Illi wara talba oħra mis-CMA u Goznak, id-Dipartiment tad-Dwana speċifikat fl-ittra tagħha tat-2 ta' Jannar 2020 lis-CMA, li l-awtorità kompetenti hija l-intimata Malta Sanctions Monitoring Board (hawn anness u mmarkat bħala Dok J). Il-Bord ġie avżat mill-'WCBL' li l-Bank m'għandu l-ebda assoċjazzjoni mal-kunsinna u tqis li l-flus mhumiex konformi mar-rekwiżit legali u proċedurali għall-istampar u ċ-ċirkolazzjoni tal-bankonoti fil-Libja. L-ittra tikkonkludi li f'konformità ma' l-obbligi kif speċifikati United Nations Security Council ("UNSC") Resolution 2259 (2015) ("Resolution 2259"), u skond it-talba mill-Central Bank of Libya (WCBL), il-merkanzija kienet qegħda tinżamm sakemm ikun hemm aktar struzzjonijiet mil-Libja (kopja tar-risoluzzjoni 2259 hawn anness u mmarkat bħala Dok K).*

10. *Illi kif jingħad li d-Dipartiment tad-Dwana tiġġustifika ż-żamma tal-merkanzija inter alia billi għamlet referenza għall-allegata talba mill-WCBL. Il-kontenut ta' din l-allegata talba mid-WCBL ma ġietx ipprovduta lil Goznak jew lill-mittenti. Fi kwalunkwe kaz, it-talba hija irrilevanti għaliex hija magħmula minn parti terża u mhux parti mill-ftehim ta' April 2018.*

11. *Illi inoltre l-mittent huwa tal-fehma li l-argument li "Resolution 2259" tiġġustifika ż-żamma tal-merkanzija hija żbaljata u mingħajr bażi. Anzi "Resolution 2259" turi din iż-żamma hija illegali.*

12. *Illi l-allegazzjoni li l-bankonoti huma bi mod illegali hija allegazzjoni li m'għandha l-ebda bażi fattwali jew legali minħabba li l-merkanzija ġiet ordnata mill-ECBL bħala fergħa leġittima oħra tal-Central Bank of Libya. Kif ġja` ingħad dawn ġew approvati għaċ-ċirkolazzjoni mill-GNA fis-26 ta' Mejju 2016. Il-merkanzija hija għalhekk debitament awtorizzata u ordnata mill-awtoritajiet kompetenti Libjani u ma jistax jingħad li huma illegali.*

13. *Illi in oltre l-allegazzjoni da parti tal-WCBL dwar l-karatteristiċi tekniċi tal-merkanzija huma wkoll żbaljati, mhux plawsibbli u fi kwalunkwe każ mhumiex rilevanti u għaż-żamma illegali tal-merkanzija mid-Dipartiment tad-Dwana.*

14. *Illi huwa rilevat ukoll li l-leġittimità tal-ECBL kienet għal darb'oħra kkonfermata mill-pubblikazzjoni ta' stqarrija tas-27 ta' Lulju, 2020 fil-website tal-United Nations Support Mission in Libya. (hawn anness u*

*mmarkat bħala Dok L - Ara link: https://unsmil.unmissions.org/united-nations-pleased-announce-launch-international-financial-review-two-branches-central-bank)*

15. *Illi fl-artikolu imsemmi jiġi definit b'mod ċar li hemm żewġ fergħat uffiċjali tal-Central Bank of Libya - fil-belt ta' Tripli u fil-belt ta' Al-Bayda. Iż-żewġ fergħat huma rikonoxxuti mill-UN u għandhom id-dritt li jordnaw prodotti għall-bżonnijiet tagħhom. Dan l-artikolu jinnota l-leġittimità u l-poteri taż-żewġ Gvernaturi tal-Central Bank of Libya - is-Sur Al-Kabir u s-Sur Al-Hebri. B'mod partikolari, is-Sur Al-Hebri, bħala l-Gvernatur tal-fergħa tal-Bank Ċentrali tal-Libja fil-belt ta 'Al-Bayda, għandu d-dritt li jordna prodotti għall-fergħa tiegħu skont id-deċiżjoni tal-Presidential Council of the Government of National Accord fis-26 ta' Mejju, 2016. Din id-deċiżjoni qatt ma ġiet irrevokata.*

16. *Illi għalhekk iż-żamma tal-merkanzija hija mhux biss mingħajr bażi taħt il-liġi tal-Unjoni Ewropeja, iżda tikkontradixxi prinċipji stabbiliti fir-Regolament Nru 36/2012 EU.*

*Għaldaqtant minħabba r-raġunijiet hawn fuq imfissra r-rikorrenti qiegħed jitlob din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalunkwe' deċiżjoni neċessarja u opportuna:*

1. *Tiddikjara li r-rakkomandazzjoni tal-intimat Bord ta' Sorveljanza fuq Sanzjonijiet li permezz tagħha inħareġ in-Nota ta' Qbid 99/2019 hija ibazata fuq fatti zbaljati u b'hekk illegali*
2. *Tiddikjara li n-nota ta' qbid numru 99/2019 inħarġet illegalment, b'mod arbitrarju u/jew mingħajr ġustifikazzjoni u li għaldaqstant mhux*

*gustifikat li tibqa' fis-seħħ u konsegwentement tordna r-revoka tan-nota ta' qbid imsemmija.*

3. *Tiddikjara konsegwentament li l-merkanzija msemmija fin-Nota ta' Qbid 99/2020 ma kellhomx jinqabdu u hija nulla u mingħajr ebda effett*
4. *Tordna lid-Direttur intimat sabiex immedjament jirrilaxxa l-merkanzija attwalment fil-containers bin-Numru TCNU1642280 u TLLU4536976 miżmuma skont is-Seizure Note No. 99/2020, u dan sabiex jiġu esportati barra mit-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea għall-port ta' Benghazi, il-Libja u dan sabiex ir-rikorrenti jieħdu l-pussess tal-oġġetti skont il-liġi.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimati inkluż l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali bin-Numru 2794/2020 u b'riserva għal kwalunkwe' rimedju ieħor illi jista' jkun disponibbli skont il-liġi, inkluż kwalunkwe pretensjoni għal danni*

at il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat.

Rat **ir-risposta konġunta u ġuramentata tad-Direttur Ġenerali (Dwana) et tat-30 ta' Novembru 2020** permezz ta' liema tressqu s-segwenti eċċezzjonijiet –

*Jesponu bir-rispett u d-Direttur Ġenerali (Dwana) Joseph Chetcuti u ċ-Chairman tal-Bord ta' Sorveljanza fuq Sanzjonijiet Neville Aquilina bil-ġurament tagħhom jiddikjaraw u jikkonfermaw li ġej:*

1. *Illi preliminarjament, id-Direttur Ġenerali (Dwana) jiddikjara illi l-azzjoni odjerna hija perenta fil-konfront tal-kontestazzjoni tan-Nota ta' Qbid 99/2020 ġjaladarba ma ġietx segwita korrettement il-proċedura kontemplata fl-artikolu 72(2) tal-Kap. 37 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex persuna tikkontesta qbid. Dan jingħad għaliex l-avviż ta' qbid mill-*

*Uffiċjal tad-Dwana ġie komunikat lil JSC Goznak nhar is-16 ta' Lulju, 2020. Permezz tal-ittra datata 21 ta' Lulju, 2020 hawn annessa u mmarkata bħala 'DOK DGD', JSC Goznak skattat it-terminu perentorju ta' tletin (30) jum sabiex jiġu istitwiti dawn il-proċeduri ġudizzjarji meta proprju f'din l-ittra ddikjarat li qed titlob l-oġġetti lura, u li espressament qed topponi n-Nota ta' Qbid. B'hekk, permezz ta' dik id-dikjarazzjoni, dawn il-proċeduri setgħu jiġu istitwiti fi żmien tletin (30) jum minn dik id-dikjarazzjoni, u ċioe` sal-21 ta' Awwissu, 2020. Fin-nuqqas, il-jedd fuq l-oġġetti maqbuda jitqies mitluq;*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għall-premess u in vena preliminari wkoll, sabiex ir-rikorrent l-Avukat Joseph Camilleri tassew ikun f'pożizzjoni li jmexxi din l-azzjoni, irid iġib prova li huwa awtorizzat jidher għan-nom tas-Central Bank of Libya f'dawn il-proċeduri;*

3. *Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet kif dedotti fir-rikors ġuramentat huma nfondati fil-fatt u fid-dritt għaliex ma jsibux siwi taħt il-provvedimenti tal-Ordinanza tad-Dwana (Kap. 37 tal-Liġijiet ta' Malta) u tal-Att dwar poteri li jsiru regolamenti fl-interess nazzjonali (Kap. 365 tal-Liġijiet ta' Malta) u dan għar-raġunijiet li ġejjin:*

i) *Illi nhar il-ħdax (11) ta' Settembru, 2019, id-Dwana Maltija żammet żewġ containers li jġibu n-numri TLLU4536976 u TCNU1642280 rispettivament, fuq rakkomandazzjoni tal-Bord ta' Sorveljanza fuq Sanzjonijiet. Sewwasew dawn iż-żewġ containers imsemmija kienu fi triqithom lejn il-port ta' Benghazi u kienu qegħdin jaħżnu disgħa u għoxrin miljun (29,000,000) bankonoti ta' Dinari Libjani;*

ii) *Illi d-destinatarju ta' dawn il-bankonoti stampati minn Goznak JSC Company fir-Russja, kien se jkun is-Central Bank of Libya f'Al-Bayda fl-Lvant tal-Libja. Jingħad illi din il-fergħa bankarja ma taqax taħt il-kontroll operazzjonali tal-Gvern ta' għaqda nazzjonali Libjan skont il-ftehim Politiku Libjan. Mill-banda l-oħra, is-Central Bank of Libya ta' Tripli fil-Punent tal-Libja huwa magħruf bħala l-bank leġittimu mill-Gvern ta' għaqda nazzjonali Libjan u mill-komunita` internazzjonali;*

iii) *Illi ġara li s-Central Bank of Libya fi Tripli talab lill-Bord ta' Sorveljanza fuq Sanzjonijiet sabiex jieħu l-azzjoni neċessarja fil-konfront ta' dawn id-Dinari Libjani u b'hekk ikun evitat l-użu llleġittimu tagħhom, ġjaladarba dawn il-bankonoti ma kienux ordnati mis-Central Bank of Libya tal-Punent;*

iv) *Illi s-Central Bank of Libya tal-Punent oppona għaċ-ċirkolazzjoni tal-bankonoti stampati minn Goznak għar-raġunijiet illi, din kienet munita llegali u b'hekk tikser l-Att Bankarju Libjan (Law No. 1 of 2005 as amended by Law No. 46. of 2012) u l-eżistenza ta' bankonoti paralleli hija ta' detriment għall-ekonomija Libjana għaliex toħloq konfużjoni, sfiduċja fil-munita, u żżid il-possibilita` ta' falsifikar ta' bankonoti;*

v) *Illi jissokta jingħad illi l-Bord ta' Sorveljanza fuq Sanzjonijiet xtarr ukoll dak li tgħid ir-riżoluzzjoni 2259 (2015) tal-Kunsill tas-Sigurta` tal-Ġnus magħquda, senjatament paragrafi 5 u 9 tal-imsemmija riżoluzzjoni. Din ir-riżoluzzjoni titlob lill-Istati Membri sabiex ma jagħtux appoġġ lil istituzzjonijiet paralleli, bħal ma' fil-fatt huwa s-Central Bank of Libya f'Al-Bayda. Kien għalhekk deċiż illi l-*

*bankonoti kontestati permezz tal-kawża odjerna għandhom jinżammu, u dan kif ser ikun muri f'aktar dettal matul il-kawża;*

vi) *Illi d-deċiżjoni tas-sitta u għoxrin (26) ta' Mejju, 2016, tal-Kunsill Presidenzjali tal-Gvern ta' għaqda nazzjonali Libjan fejn bankonoti stampati minn Goznak ġew apporovati għaċ-ċirkolazzjoni tirreferi biss għall-munita parellala li kienet ġiet stampata minn Goznak għas-Central Bank of Libya tal-Lvant dak iż-żmien. Fil-fatt, ħarsa lejn paragrafu 131 tal-UN S/2019/914*[1] *hemm rappurtat illi nhar l-14 ta' Novembru, 2018, il-Gvernatur tas-Central Bank of Libya tal-Lvant, Ali-Al Habri, ċaħad li s-Central Bank of Libya tal-Lvant kellu l-intenzjoni li jistampa aktar bankonoti fil-Federazzjoni Russa permezz tas-soċjeta` Goznak;*

vii) *Illi l-Bord ta' Sorveljanza fuq Sanzjonijiet huwa mogħni bil-poter permezz tal-artikolu 7(5)(b) Kap. 365 tal-Liġijiet ta' Malta li jinqeda bl-awtorita' rilevanti, f'dan il-każ partikolari d-Dwana, sabiex iwettaq dawk ir-rakkomandazzjonijiet u deċiżjonijiet li jieħu fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu;*

viii) *Illi sussegwentement, sabiex titwettaq id-deċiżjoni tal-Bord ta' Sorveljanza fuq Sanzjonijiet, l-esponenet Direttur Ġenerali (Dwana) ħareġ nota ta' qbid li ġġib in-numru 100/2020 datata tletin (30) ta' Ġunju, 2020 fil-konfront tal-containers, u n-nota ta' qbid hawnhekk kontestata li ġġib in-numru 99/2020 datata tletin (30) ta' Ġunju, 2020 fil-konfront tal-imsemmija bankonoti;*

---

[1] *Letter dated 29 November 2019 from the Panel of Experts on Libya established pursuant to resolution 1973 (2011) addressed to the President of the Security Council*

4. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-każ.*

*Għaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet tar-rikorrent; bl-ispejjeż kontra tiegħu.*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument anness mar-risposta ġuramentata.

Rat l-ordni tagħha waqt is-seduta tas-16 ta' Diċembru 2020[2] sabiex il-kawża titħalla għall-provi dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-intimati.

Rat il-provi mressqa dwar dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet u n-Noti ta' Sottomissjonijiet skambjati bejn il-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza dwarhom.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Ir-rikorrent *noe* ntavola l-proċeduri odjerni bil-għan li tiġi attakkata n-Nota ta' Qbid numru 99/2020 li nħarġet mid-Dipartiment tad-Dwana fuq merkanzija mibgħuta mir-Russja lejn il-Libja u li waqfet f'Malta bil-għan li l-*containers* b'tali merkanzija jitgħabbew fuq bastiment differenti ħalli jitkompla l-vjaġġ lejn il-Libja. Huwa qed jitlob lill-Qorti tiddikjara li r-rakkomandazzjoni tal-Bord intimat li a bażi tagħha nħarġet in-Nota ta' Qbid impunjata hija mibnija fuq fatti żbaljati u kwindi llegali. Huwa qed jitlob ukoll dikjarazzjoni mill-Qorti li tali Nota ta' Qbid inħarġet illegalment, arbitrarjament u bla ġustifikazzjoni.

[2] Fol 46

Għalhekk fil-fehma tiegħu għandha tiġi revokata, dikjarata nulla u bla effett u per konsegwenza l-merkanzija maqbuda għandha tiġi mmedjatament rilaxxjata għall-esportazzjoni lejn il-Libja.

Minn naħa tagħhom l-intimati, apparti l-eċċezzjonijiet preliminari li ser jiġu trattati u deċiżi fis-sentenza tal-lum, irrespinġew fermement il-pretensjonijiet tar-rikorrent *noe* bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Għall-fini tal-vertenza tal-lum, mill-atti sa issa jirriżulta li –

i. Fil-**11 ta' Settembru 2019**, id-Dwana ta' Malta żammet żewġ *containers* bin-numri *TCNU1642280* u *TCNU1642280* wara rakkomandazzjoni maħruġa mill-Bord ta' Sorveljanza fuq Sanzjonijiet. Id-destinazzjoni ta' dawn iż-żewġ containers kienet il-port ta' Benghazi ġewwa l-Libja u fihom kien hemm maħżuna disgħa u għoxrin miljun (29,000,000) bankonoti ta' Dinari Libjani;

ii. It-trasport ta' din il-merkanzija kien f'idejn is-soċjeta' CMA CGM S.A. (Marseille, France) ("CMA") filwaqt li d-destinatarju ta' dawn il-bankonoti stampati minn Joint Stock Company Goznak ("Goznak") kellu jkun ic-Central Bank of Libya ta' Al-Bayda fil-Lvant tal-Libja;

iii. Skont l-intimati, din il-fergħa bankarja ma taqax taħt il-kontroll tal-operat tal-Gvern ta' għaqda nazzjonali Libjan filwaqt li huwa s-Central Bank of Libya ta' Tripli fil-Punent tal-Libja li għandu r-rikonoxximent bħala l-bank leġittimu mill-Gvern ta' għaqda nazzjonali Libjan u mill-komunita' nternazzjonali;

iv. L-intimati jkomplu jgħidu li l-Bord ta' Sorveljanza fuq Sanzjonijiet irċieva talba mis-Central Bank of Libya fi Tripli sabiex jieħu l-azzjoni meħtieġa fir-

rigward ta' dawn id-Dinari Libjani peress li l-użu tagħhom ma kienx leġittimu u kienu jiksru l-Att Bankarju Libjan;

v. Fit-**30 ta' Ġunju 2020** id-Dipartiment tad-Dwana ħareġ in-Nota ta' Qbid numru 99/2020 fuq is-segwenti merkanzija[3] -

*290 cases found to contain Currency notes in Libyan Dinars – ex Cont. No. TLLU4536976*

*290 cases found to contain Currency notes in Libyan Dinars – ex Cont. No. TCNU1642280*

vi. Skont l-istess Nota ta' Qbid, ir-raġuni li nħarġet kienet li –

*"Contents of containers withheld by Customs Officials at the Malta Freeport Terminal on the 11th September 2019. These contents are prohibited goods since they are not in line with UNSCR 2259 of 2019 and the National Interest (Enabling Powers) Act. Cap 365 of the Laws of Malta."*

vii. Minn naħa tiegħu r-rikorrent *noe* jirribatti li mhuwhiex minnu li l-bankonoti in kwistjoni huma llegali u li tali merkanzija ġiet ordnata mis-Central Bank of Libya ta' Al-Bayda bħala fergħa leġittima oħra tas-Central Bank of Libya. Huwa sostna li dawn il-bankonoti kienu ġew approvati għaċ-ċirkolazzjoni mill-Presidency Council of the Government of National Accord ("GNA") fis-26 ta' Mejju 2016[4];

[3] Fol 8
[4] Fol 14 u 15

viii. Għal darb'oħra l-intimati jirribattu li d-deċiżjoni tas-26 ta' Mejju 2016 tirreferi biss għal munita parallela li kienet ġiet stampata minn Goznak għas-Central Bank of Libya tal-Lvant ta' dak iż-żmien u mhux għall-bankonoti odjerni;

ix. Sadanittant permezz ta' email datata **16 ta' Lulju 2020**[5], Ian Muscat bħala Direttur tad-Dipartiment tad-Dwana bagħat kopja tan-Nota ta' Qbid in kwistjoni lill-konsulent legali tas-soċjeta' Goznak. Huwa nfurmah ukoll li n-Nota ta' Qbid oriġinali ntbagħet bil-posta lill-istess Goznak;

x. Permezz ta' ittra datata **21 ta' Lulju 2020**[6] il-konsulent legali tas-soċjeta' Goznak wieġeb lid-Dipartiment tad-Dwana fejn ikkonferma li kien irċieva l-email tas-16 ta' Lulju 2020. Huwa qal ukoll lil-klijenta tiegħu Goznak kienet għadha ma rċevietx in-Nota ta' Qbid oriġinali bil-posta. Żied jgħid li –

*"Nevertheless, we hereby confirm and give notice in the name and on behalf of our client that Goznak continues to claim the release and return the seized goods and expressly opposes the Seizure Note.";*

xi. Permezz ta' email datata **7 t'Awwissu 2020**[7] id-direttur tad-Dwana Ian Muscat bagħat lill-konsulent legali ta' Goznak vera kopja tan-Nota ta' Qbid li kienet intbagħtet lill-klijenti tiegħu bil-posta;

xii. Sussegwentement, permezz ta' ittra uffiċjali datata **14 ta' Settembru 2020**[8] is-Central Bank of Libya bażat ġewwa Al-Bayda informa formalment lill-intimati odjerni li huwa kien qiegħed jikkontesta n-Nota ta' Qbid numru 99/2020 u talab

[5] Fol 50
[6] Fol 52 et seq
[7] Fol 67
[8] Fol 54

ir-rilaxx tal-merkanzija stante li fil-fehma tiegħu ma kienet teżisti ebda bażi legali għaż-żamma kontinwa tagħhom mid-Dipartiment tad-Dwana;

xiii. Fl-**14 t'Ottubru 2020** ġew intavolati l-proċeduri odjerni bil-għan li tiġi revokata din in-Nota ta' Qbid. Il-kawża qed issir ai termini tal-artikolu 72 tal-Kap 37 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll ai termini tal-artikolu 18 tal-Kap 356 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat:**

Iż-**żewġ eċċezzjonijiet preliminari** li dwarhom ser tingħata s-sentenza llum jgħidu hekk –

*"1. Illi preliminarjament, id-Direttur Ġenerali (Dwana) jiddikjara illi l-azzjoni odjerna hija perenta fil-konfront tal-kontestazzjoni tan-Nota ta' Qbid 99/2020 ġjaladarba ma ġietx segwita korrettement il-proċedura kontemplata fl-artikolu 72(2) tal-Kap 37 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex persuna tikkontesta qbid. Dan jingħad għaliex l-avviż ta' qbid mill-Uffiċjal tad-Dwana ġie komunikat lil JSC Goznak nhar is-16 ta' Lulju, 2020. Permezz tal-ittra datata 21 ta' Lulju, 2020, lil .JSC Goznak skattat it-terminu perentorju ta' tletin (30) jum sabiex jiġu istitwiti dawn il-proċeduri ġudizzjarji meta proprju f'din l-ittra ddikjarat li qed titlob l-oġġetti lura, u li espressament qed topponi n-Nota ta' Qbid. B'hekk permezz ta' dik id-dikjarazzjoni, dawn il-proċeduri setgħu jiġu istitwiti fi żmien tletin (30) jum minn dik id-dikjarazzjoni, u ċioe' sal-21 ta' Awwissu, 2020. Fin-nuqqas, il-jedd fuq l-oġġetti maqbuda jitqies mitluq;*

*2. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess u in vena preliminari wkoll, sabiex ir-rikorrenti l-Avukat Joseph Camilleri tassew ikun f'pożizzjoni li jmexxi din l-*

*azzjoni, irid iġib prova li huwa awtorizzat jidher għan-nom tas-Central Bank of Libya f'dawn il-proċeduri."*

Għal kull buon fini l-Qorti tirrileva mmedjatament li t-**tieni eċċezzjoni** hija ormai sorvolata stante li fl-24 t'Ottubru 2022, l-avukat Joseph Camilleri preżenta kopja tal-prokura (*power of attorney*) mogħtija mir-rikorrent Central Bank of Libya lill-avukati Dr Joseph Camilleri, Dr Michael Camilleri, Dr Kirk Brinkau u Dr Erika Taliana[9]. Permezz ta' din il-prokura, l-avukati ndikati fosthom Dr Joseph Camilleri ingħataw l-awtorita' li jintavolaw il-proċeduri legali u ġudizzjarji neċessarji b'rabta mal-mertu tal-kawża odjerna u jwettqu atti ancillari.

**Għalhekk il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-eċċezzjoni.**

Fir-rigward ta' **l-ewwel eċċezzjoni**, **l-artikolu 72 tal-Kap 37** kif viġenti fl-epoka tan-Nota ta' Qbid in kwistjoni, jipprovdi hekk -

*"72.(1) Kull meta jsir qbid, barra minn meta jsir quddiem il-ħati jew is-sid, ta' oġġetti suġġetti għal konfiska taħt din l-Ordinanza, l-uffiċjal li jagħmel il-qbid għandu jagħti avviż bil-miktub ta' dan il-qbid u tar-raġuni tiegħu lil sid l-oġġetti maqbuda,jekk magħruf, sew billi jagħti dan l-avviż lilu personalment jew b'ittra irreġistrata indirizzata lilu jew imħollija fil-lok magħruf bħala l-aħħar li fih kien joqgħod jew li kellu n-negozju tiegħu f'Malta.*

*(2) Il-ħwejjeġ maqbuda taħt din l-Ordinanza jitqiesu ikkonfiskati bis-saħħa tal-liġi stess u jistgħu jinbiegħu jew jista' jsir bihom xort'oħra, kif jordna l-Ministru responsabbli għad-dwana, kemm-il darba dak li mingħandu l-ħaġa tkun ġiet maqbuda, jew sidha, jew xi ħadd awtorizzat minnu, fi żmien tletin ġurnata mill-qbid, ma jagħtix avviż bil-miktub lill-Kummissarju, li hu jitlob lura l-ħwejjeġ hekk maqbuda jew li bi ħsiebu jitlobhom lura; f'dan il-każ il-persuna li titlob lura l-ħwejjeġ maqbuda għandha, fi żmien tletin ġurnata minn dak l-avviż, tibda l-*

[9] Fol 74

*proċediment meħtieġ quddiem il-qorti ċivili kompetenti, skond il-valur tal-ħaġa maqbuda, u, fin-nuqqas ta' dan il-jedd fuq din il-ħaġa jitqies li ġie mitluq."*

L-intimati jissottomettu li d-Dipartiment tad-Dwana nforma bil-qbid in kwistjoni lis-soċjeta' Goznak permezz tal-email tas-16 ta' Lulju 2020 u kwindi dik kienet id-data meta skattat il-proċedura ta' kontestazzjoni. Imbagħad, ladarba fil-21 ta' Lulju 2020 is-soċjeta' Goznak bagħtet l-avviż li hija kienet ser titlob lura l-merkanzija maqbuda, **hija kellha tletin jum sal-20 t'Awwissu 2020** sabiex tintavola l-proċeduri odjerni. Peress li dan ma sarx, ir-rikorrent noe huwa meqjus bil-liġi li tilef il-jedd fuq il-merkanzija in kwistjoni.

It-teżi tar-rikorrenti noe hija li għall-fini ta' din l-eċċezzjoni, *t-timeline* applikabbli ai termini tal-artikolu 72 (2) tal-Kap 37 huwa –

- 7 t'Awwissu 2020 bħala d-data meta skattat il-proċedura ta' kontestazzjoni stante li kien dakinhar li hija ġiet notifikata bil-vera kopja tan-Nota ta' Qbid 99/2020 debitament iffirmata;

- 4 ta' Settembru 2020 meta tat l-avviż formali li hija kienet ser titlob lura l-merkanzija maqbuda permezz tal-ittra uffiċjali tas-Central Bank of Libya; u

- 2 t'Ottubru 2020 u ċioe' meta ġiet intavolata l-kawża odjerna.

Fil-fehma tar-rikorrent noe la ingħata l-avviż imsemmi fil-liġi fi żmien tletin jum minn meta ġew infurmati bin-Nota ta' Qbid debitament iffirmata u la ġiet intavolata l-proċedura odjerna ukoll fi żmien tletin jum minn tali avviż, allura l-kawża mhijiex perenta.

Għal dik li hija ġurisprudenza in materja, din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk fir-rigward tal-artikolu 72 tal-Kap 37 tal-Liġijiet ta' Malta fil-każ **Ivan (Ivan-Maria) Hallet vs Direttur Generali [Dwana] deċiż fit-13 ta` Lulju 2020** -

*"Il-Qorti tgħid illi l-proċedura odjerna hija naxxenti minn lex specialis. Min-natura tagħha għandha strict application b`**kull terminu jitqies perentorju**.*

*Skont l-Art. 28(1) tal-Kap. 382 avviż ta` kontestazzjoni għandu jsir "fi żmien tletin jum mid-data tal-avviż tal-qbid".*

*Skont l-Art. 28(2) tal-Kap. 382, il-proċeduri tad-dikjarazzjoni li l-oġġetti ma kellhomx jinqabdu għandhom jibdew "fi żmien tletin jum mid-data li fiha jkun ingħata l-avviż".*

***Aktar iebes u riġidu minn hekk huwa l-Art. 72 tal-Kap. 37 li jistabilixxi li l-avviż tal-kontestazzjoni għall-qbid għandu jingħata "fi żmien tletin ġurnata mill-qbid" waqt illi l-proċeduri ta` kontestazzjoni għandhom jinbdew "fi żmien tletin ġurnata minn dak l-avviż[10]".***

*Il-perjodi li jissemmew fl-Art. 28 tal-Kap. 382 u fl-Art. 72 tal-Kap. 37 huma termini ta` dekadenza. Id-differenza bejn it-tnejn hija filwaqt li fil-każ tal-Art. 28 it-terminu jiskatta mid-data tal-ħruġ tal-avviż tal-qbid, fil-każ tal-Art. 72 jibda jiddekorri mid-data tal-qbid."*

Fil-każ **Joseph Schembri vs Kontrollur tad-Dwana deċiż fit-3 t'Ottubru 2001** il-Qorti qalet hekk –

[10] Tipa grassa b'enfasi tal-Qorti

*"Illi dwar il-kwistjoni tan-notifika tas-seizure note huwa minnu li l-artikolu 72 tal-Kap 37 tal-Liġijiet ta' Malta jippreskrivi li meta s-seizure issir fl-assenza tal-hati jew sid il-vettura, l-uffiċjal inkarigat għandu jagħti avviż bil-miktub ta' dan il-qbid u tar-raġuni tiegħu. Iżda l-istess artikolu ma jispeċifikax meta dan l-avviż għandu jigi notifikat lis-sid jew il-ħati. Huwa l-qbid tal-oġġett soġġett għall-konfiska li huwa relevanti għall-iskopijiet tal-liġi billi tali qbid huwa konsegwenza ta' ksur tal-provvedimenti tal-liġi – ċioe in-nuqqas ta' ħlas ta' dazju. L-avviż imsemmi fl-artikolu 72 ma hu xejn hlief rekwiżit tal-liġi biex il-parti interessata tkun taf bil-qbid u b'hekk tkun tista' tieħu dawk il-passi kollha lilha permessi mil-liġi."*

Fl-isfond ta' din il-ġurisprudenza l-Qorti tqis li t-tieni eċċezzjoni tal-intimati hija ġustifikata.

L-email tas-16 ta' Lulju 2020 permezz ta' liema s-soċjeta' Goznak ġiet infurmata bin-Nota ta' Qbid numru 99/2020 hija ċertament valida għall-finijiet u effetti tal-liġi. Id-diċitura tal-artikolu 72 (1) tal-Kap 37 hija ċara. Kull ma hu meħtieġ mill-uffiċjal li jagħmel il-qbid huwa li *"jagħti avviż bil-miktub ta' dan il-qbid u tar-raġuni tiegħu lil sid l-oġġetti maqbuda"*. Il-leġislatur ma stabilixxa ebda formalita' oħra. Kwindi huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt l-argument tar-rikorrent noe li l-avviż tas-16 ta' Lulju 2020 ma jgħoddx għax in-Nota ta' Qbid ma kinitx iffirmata. Id-Direttur Ġenerali (Dwana) ottempra ruħu mal-liġi u fid-data msemmija nforma bil-miktub li kien seħħ il-qbid u annetta mal-email kopja nformali tagħha sakemm eventwalment tasal fid-destinazzjoni tagħha n-Nota ta' Qbid oriġinali u ffirmata.

Stabbilit dan, minn dakinhar skattaw it-tletin jum sabiex jingħata l-avviż lill-Kummissarju li kienet ser tintalab lura l-merkanzija konfiskata. Dan it-terminu

ġie osservat permezz tal-ittra mibgħuta ftit tal-jiem wara u ċioe' fil-21 ta' Lulju 2020 mis-soċjeta' Goznak.

Madankollu, u hawn teħel il-proċedura odjerna, ladarba l-avviż appena msemmi ngħata fil-21 ta' Lulju 2020, it-terminu biex jibdew il-proċeduri meħtieġa quddiem il-Qorti kien jiskadi tletin jum wara u kwindi sal-20 t'Awwissu 2020.

M'hemmx dubju li dan ma seħħx peress li l-kawża odjerna ġiet preżentata ferm wara u ċioe' fit-2 t'Ottubru 2020 u allura l-azzjoni hija perenta.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi -**

**1. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni eċċezzjoni preliminari tal-intimati;**

**2. Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimati u tiddikjara li l-azzjoni odjerna hija perenta ai termini tal-artikolu 72 (2) tal-Kap 37 tal-Liġijiet ta' Malta;**

**3. Tiċħad it-talbiet tar-rikorrent noe bl-ispejjeż kontra tiegħu.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**